SKALI Gudja

# STATUT

*2023*

SKALI

GUDJA

# IL-WERREJ


***L-1 Kapitlu: Identifikazzjoni......................................................................... 3***
1. L-Isem......................................................................................................3
2. It-Twaqqif Uffiċjali......................................................................................3
3. L-Indirizz Uffiċjali tal-Għaqda.......................................................................3
4. L-Istat Legali .............................................................................................3
5. Il-Logo......................................................................................................3
6. Il-Lingwa ..................................................................................................4

***It-2 Kapitlu: Definizzjonijiet............................................................................. 4***
1. Termini .....................................................................................................4
2. Referenzi ..................................................................................................4

***It-3 Kapitlu: Il-Viżjoni ..................................................................................... 5***
1. L-istqarrija ta' Missjoni................................................................................5
2. L-Għanijiet................................................................................................5

***Ir-4 Kapitlu: Is-Sħubija ................................................................................... 5***
1. Il-Membri tal-Għaqda .................................................................................5
2. Il-Miżata ta' Sħubija ...................................................................................6
3. Il-Membri Fundaturi....................................................................................6
4. It-Terminazzjoni jew Sospenzjoni ta' Sħubija .................................................6

***Il-5 Kapitlu: It-Tmexxija tal-Għaqda ................................................................ 7***
1. Il-Kumitat ta' Tmexxija ...............................................................................7
2. L-Uffiċjali tal-Kumitat .................................................................................9
3. Is-Sottokumitati tal-Għaqda ......................................................................10
4. Il-Finanzi.................................................................................................11

***Is-6 Kapitlu: Il-Laqgħat Ġenerali.................................................................... 11***
1. Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ........................................................................11
2. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja.................................................................12

***Is-7 Kapitlu: Regoli oħra ............................................................................... 13***
1. Protezzjoni ta' Data...................................................................................13
2. PUBBLIKAZZJONI TA' REGOLI U LINJI GWIDA ..............................................13
3. Riċerka u Studju .......................................................................................13
4. Xoljiment tal-Għaqda.................................................................................13
5. Emendi tal-Istatut .....................................................................................14

# 1 *L-1 KAPITLU:* IDENTIFIKAZZJONI

## 1. L-ISEM

L-isem tal-Għaqda huwa SKALI Gudja. (L-ittri fil-kelma 'SKALI', individwalment ifissru: Storja, Kultura, Ambjent, Leħen u Identità)

## 2. IT-TWAQQIF UFFIĊJALI

It-twaqqif uffiċjali tal-Għaqda SKALI Gudja sar fid-19 ta' Jannar 2020. Is-sena amministrattiva tal-Għaqda SKALI Gudja hija dik kalendarja, bejn Jannar u Diċembru.

## 3. L-INDIRIZZ UFFIĊJALI TAL-GĦAQDA

Fin-nuqqas ta' uffiċċju jew post, li jappartjeni lill-Għaqda, l-Għaqda għandha tkun irreġistrata fuq l-indirizz tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju:

SKALI Gudja c/o Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Valletta, VLT 1129

Jista' jiġi determinat indirizz postali alternattiv għal dak tar-reġistrazzjoni mill-Kumitat tat-Tmexxija minn żmien għal żmien.

## 4. L-ISTAT LEGALI

L-Għaqda SKALI Gudja hija organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) li ma tagħmilx profitt u regolata taħt l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Kapitlu 492 tal-Liġi ta' Malta, skont l-aħħar emendi). In-numru ta' reġistrazzjoni tal-Għaqda SKALI Gudja huwa VO/2123.

Ir-rappreżentazzjoni legali tal-Għaqda hija r-responsabiltà tal-President, is-Segretarju u t-Teżorier.

## 5. IL-LOGO

Il-Logo tal-Għaqda huwa dak muri fuq il-qoxra ta' dan id-dokument; it-tifsira tal-Logo hi kif ġejja:

Id-disinn jixbah lil żigarella ta' lewn ħamrani, mitnija seba' darbiet. Kemm il-kulur, kif ukoll l-forma huma mxebbha mal-arma tal-Gudja, bid-differenza li waħda hija orizzontali u l-oħra vertikali. Is-seba' (7) ponot tal-arma Gudjana, fil-każ tal-Logo huma seba' (7) tinjiet, ifakkru fis-seba' (7) parroċċi li ħarġu minn dik Gudjana, hekk kif tgħidilna l-istorja. Il-lewn ħamrani ġej mill-kulur aħmar ta' din l-arma. Fil-forma vertikali ta' dan il-Logo, jista' wkoll jiġi interpretat bħal sellum, b'kull faxxa skaluna differenti jew skala. Il-Logo uffiċjali jinkorpora wkoll l-isem SKALI Gudja fuq il-lemin tad-disinn.

## 6. IL-LINGWA

Il-lingwi uffiċjali tal-Għaqda huma kemm il-Malti kif ukoll l-Ingliż. L-istatut u dokumenti oħra uffiċjali jibqgħu dawk miktuba bil-Malti.

# *IT-2 KAPITLU:* DEFINIZZJONIJIET

## 1. TERMINI

1. F'dan l-istatut, it-terminu 'L-Għaqda' jirreferi għal SKALI Gudja;
2. It-terminu 'ir-raħal' jirreferi għar-raħal tal-Gudja;
3. 'Il-Kumitat tat-Tmexxija' jew sempliċiment 'il-Kumitat' jirreferi għall-uffiċjali u membri oħra eletti fit-tmexxija tal-Għaqda skont l-ewwel artiklu ta' kapitlu 5; u
4. L-abbrevjazzjoni 'LĠA' tfisser Laqgħa Ġenerali Annwali *(KAP6, Art1)* filwaqt li 'LĠS' tfisser Laqgħa Ġenerali Straordinarja *(KAP6, Art2)*.
5. Membru jew membri jirreferu għal dawk l-individwi msieħba mal-Għaqda f'waħda mill-iskemi ta' sħubija, hekk kif determinat mill-Kumitat tat-Tmexxija, bl-ogħla waħda tkun dik ta' membru sħiħ. Membri Affiljati tirreferi għal dawk l-individwi li jgawdu minn xi beneficċji ta' sħubija iżda m'għandhomx vot fit-tmexxija tal-Għaqda, filwaqt li Membri Votanti tirreferi għal dawk li għandhom vot

## 2. REFERENZI

Tul dan l-istatut, għall-fini ta' referenzi

**KAP** tfisser Kapitlu, segwita min-numru tal-kapitlu u

**ART** tfisser Artiklu, segwita min-numru u sottonumru tal-artiklu skont il-bżonn.

B'hekk, ir-referenzi kollha għandhom jieħdu l-forma '**KAPX, ArtY.Z**' jew '**CHAPX, ArtY.Z**'.

# *IT-3 KAPITLU:* IL-VIŻJONI

## 1. L-ISTQARRIJA TA' MISSJONI

L-Għaqda hi fid-dmir li tħares dak kollu li jsawwar lill-Gudja u 'l-poplu tagħha waqt li toħloq għarfien dwar il-patrimonju Gudjan.

## 2. L-GĦANIJIET

1. L-għan primarju li għandha din l-Għaqda hu li tkattar il-kuxjenza fost il-Gudjani sabiex il-patrimonju kulturali u naturali tal-Gudja jingħata iktar importanza.
2. L-Għaqda għandha taħdem biex tippromwovi l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli bl-għan li dan isir bl-inqas detriment għal dak li jsawwar l-identità tar-raħal tal-Gudja.
3. L-Għaqda għandha taħdem biex tissalvagwardja, tippromwovi u toħloq għarfien akbar dwar l-użanzi, il-kultura u l-patrimonju intanġibbli tal-Gudja.
4. L-Għaqda għandha wkoll isservi ta' vuċi fuq aspetti li jkunu qed jolqtu l-ġid komuni tar-raħal.

# *IR-4 KAPITLU:* IS-SĦUBIJA

## 1. IL-MEMBRI TAL-GĦAQDA

1. Is-sħubija bħala membri fl-Għaqda hija miftuħa għal persuni, li għandhom erbatax (14)-il sena u aktar, u li jaqsmu l-viżjoni tal-Għaqda. Is-sħubija bħala membri fl-Għaqda għandha tkun irregolata mill-Kumitat *(KAP5, Art1)* u l-istess membri għandhom iħarsu l-istatut u l-linji gwida li l-Għaqda tista' toħroġ minn żmien għal żmien.
2. Kull persuna li tixtieq tissieħeb bħala membru tal-Għaqda trid tagħmel dan billi tapplika skont in-normi stabbiliti mill-Kumitat. F'każ ta' applikazzjoni ta' minuri, ikun meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur jew gwardjan legali u skont kif mitlub mil-Liġi tal-Protezzjoni tad-Data. Is-sħubija tkun valida minn meta tiġi aċċettata t-talba mill-Kumitat tat-Tmexxija.
3. Il-Kumitat għandu d-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta kull applikazzjoni ta' sħubija. Għandu ukoll dritt jippublika skemi differenti ta' sħubija. Persuna titqies bħala membru tal-Għaqda jekk isimha jidher fir-reġistru ta' sħubija.

4. Membri tal-Għaqda, ħlief għal dawk affiljati, li jkollhom is-sħubija aġġornata, għandhom dritt għall-vot fil-LĠA u f'LĠS (KAP6) wara li jkunu ilhom msieħba għal sitt (6) xhur. Membri sħaħ li jkun għalqu it-tmintax (18)-il sena huma eliġibbli sabiex jikkontestaw l-elezzjoni għal membri tal-Kumitat (KAP5, Art1) sa mill-ewwel ġurnata ta' sħubija tagħhom. Dan b'eċċezzjoni għal kunsilliera f'Kunsilli Lokali, membri f'xi kumitati jew bordijiet ta' partit politiku jew ta' għaqda mużikali u membri li huma politikament jew viżibbilment attivi f'attivitajiet politiċi. Kull membru tal-Għaqda huwa eliġibbli li jkun membru f'wieħed jew aktar mis-sottokumitati mwaqqfa mill-Kumitat (KAP5, Art3).

# 2. IL-MIŻATA TA' SHUBIJA

1. Għandu jkun hemm miżata annwali ta' sħubija hekk kif deċiża u aġġornata minn żmien għal żmien mill-Kumitat.
2. Il-miżata għandha tinħadem prorata għal dawk l-applikazzjonijiet li l-Kumitat tat-Tmexxija jirċievi matul is-sena, mill-ġurnata tas-sħubija sa tmiem dik is-sena. Din tiġġedded fil-LĠA li jkun imiss u tkun valida għas-sena amministrattiva li fiha titħallas.
3. Sakemm mhux deċiż mod ieħor mill-Kumitat, kull membru li jonqos li jħallas il-miżata sa tliet (3) xhur wara l-LĠA ta' dik is-sena għandu jitqies li s-sħubija tiegħu ġiet mitmuma u dan wara li l-Kumitat ikun ikkunsidra ċ-ċirkostanzi u s-sitwazzjoni ta' dik il-persuna.

# 3. IL-MEMBRI FUNDATURI

1. Il-Membri Fundaturi tal-Għaqda huma l-membri li waqqfu din l-Għaqda u fasslu l-viżjoni li tħaddan l-Għaqda. Il-fundaturi huma Bertram Portelli, flimkien ma' Joseph Charles Galdes, James Cutajar, Andrea Gatt, Brandon Francis Caruana, Fabio Scicluna, Marthese Formosa, Kurt Slattery, Lorella Spiteri u Karl Anthony Borg.
2. Dawn il-membri jitqiesu bħala membri *ad vitam* tal-Għaqda li tagħha huma l-fundaturi.

# 4. IT-TERMINAZZJONI JEW SOSPENZJONI TA' SHUBIJA

1. Il-Kumitat ikollu d-dritt jieħu passi dixxiplinarji, li jistgħu jwasslu għat-tmiem jew sospensjoni tas-sħubija fl-Għaqda, kontra kull membru li fil-fehma tal-Kumitat ikun, bl-imġiba tiegħu, qed joħloq preġudizzju jew jagħmel ħsara lill-interessi tal-Għaqda.
2. Għal dan il-għan, il-Kumitat għandu jwaqqaf bord 'ad hoc', imsejjaħ 'Bord ta' Dixxiplina' li għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn tliet (3) persuni proposti mill-Kumitat u approvati waqt il-LĠA. Il-Bord tad-Dixxiplina għandu jeżamina l-ilment tal-Kumitat, jisma' lill-membru u jagħmel lill-Kumitat r-rakkomandazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa fir-rigward tal-passi dixxiplinarji kontemplati kontra l-membru konċernat.

3. Il-membru konċernat għandu jkun avżat fi żmien raġonevoli dwar il-laqgħa tal-Bord tad-Dixxiplina li jkun se jikkonsidra t-tmiem jew is-sospensjoni ta' sħubija tiegħu u għandu jkollu d-dritt li jinstema' mill-Bord tad-Dixxiplina jew jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub.

4. Il-membru jkollu dritt li jkun informat bil-miktub u fid-dettall dwar l-ilment tal-Kumitat kontra tiegħu, għandu jiġi mitlub li fi żmien ħmistax (15)-il jum iwieġeb bil-miktub u fid- dettall l-istess ilment u għandu jidher quddiem il-Bord ta' Dixxiplina f'laqgħa li għandu jiġi avżat biha bil-miktub sebat (7) ijiem qabel issir. F'din il-laqgħa l-Bord ta' Dixxiplina jisma' l-aħħar sottomissjonijiet tal-Kumitat u tal-membru kkonċernat u wara jgħaddi biex jagħmel bil-miktub dawk il-konsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet li jidhirlu xierqa lill-Kumitat.

5. Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina li jtemm jew jissospendi s-sħubija ta' xi membru tkun waħda finali.

# *IL-5 KAPITLU*: IT-TMEXXIJA TAL-GĦAQDA

## 1. IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA

1. L-Għaqda għandha titmexxa minn Kumitat magħmul minn dawn l-uffiċjali:
   a) il-President
   b) is-Segretarju
   c) it-Teżorier

   Jista' jkun hemm ukoll sa sitt (6) membri oħra (b'mod li n-numru ta' membri fil-kumitat ikun farrad) li tnejn minnhom għandhom ikunu l-Viċi President u l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi (PRO) eletti minn fost il-membri tal-Għaqda, hekk kif indikat fit-tieni (2) u t-tielet (3) Artiklu *(KAP5)*. F'każ fejn ma jkunx hemm kontestazzjonijiet, il-membri eletti biex jiffurmaw parti mill-Kumitat il-ġdid għandhom jaħtru membru minn fost il-membri tal-għaqda li jkunu regolari fil-ħlas ta' sħubija.

2. In-nominazzjonijiet jibdew jintlaqgħu minn xahar qabel il-LĠA wara li jinħareġ avviż uffiċjali mis-Segretarju tal-Għaqda lill-membri kollha. In-numru ta' membri għat-terminu li jkun imiss tal-Kumitat għandu jkun deċiż mill-Kumitat uxxenti sa meta jibdew jintlaqgħu n-nominazzjonijiet.

3. Il-President, is-Segretarju, it-Teżorier u l-membri l-oħra tal-Kumitat tat-Tmexxija jintgħażlu minn fost il-membri tal-Għaqda permezz ta' elezzjoni li ssir waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali (LĠA) u wara li kull wieħed ikun ġie nominat u ssekondat għall-kontestazzjoni fil-pożizzjonijiet differenti minn membri tal-Għaqda li jkollhom dritt għal-vot. In-nominazzjonijiet għandhom ikunu indirizzati lis-Segretarju tal-Għaqda u

għandhom jaslu għandu sa data deċiża mill-kumitat uxxenti, qabel il-LĠA. Biex membru sħiħ wieħed ikun eleġibbli għall-Kumitat tat-Tmexxija (KAP4, Art1.7), ma jistax ikun membru f'Kunsilli Lokali u lanqas membru f'xi kumitati jew bordijiet ta' partit politiku jew ta' għaqda mużikali u lanqas jista' jkun politikament jew viżibbilment attiv f'attivitajiet politiċi.

4. Il-Kumitat tat-Tmexxija jinħatar għal terminu ta' sentejn (2). F'każ ta' riżenja ta' wieħed mit-tliet uffiċjali tal-Kumitat, għandha tissejjaħ LĠS li matulha jkun elett l-uffiċjal li jieħu l-kariga li tkun ġiet vakanti u jkompli t-terminu tal-uffiċjal preċedenti.
5. Il-Kumitat ta' Tmexxija jrid jiltaqa' mhux anqas minn sitt (6) darbiet f'sena.
6. Kull laqgħa trid tiġi msejħa mis-Segretarju wara li jkun ikkonsulta mal-President, jew wara talba bil-miktub minn mhux anqas minn żewġ (2) membri tal-Kumitat. Sa għaxart (10) ijiem qabel il-laqgħa, is-Segretarju għandu jibgħat avviż lill-membri kollha tal-Kumitat biex jinfurmahom dwar id-data, il-ħin u l-post fejn tkun se ssir il-laqgħa tal-Kumitat. L-aġenda tal-laqgħa għandha titfassal mis-Segretarju b'konsultazzjoni mal-President. Kull membru tal-Kumitat ikollu d-dritt jitlob lis-Segretarju jdaħħal fl-aġenda punti għad-diskussjoni sa mhux anqas minn sebat (7) ijiem qabel il-laqgħa. L-aġenda għandha tintbagħat mis-Segretarju lill-membri kollha tal-Kumitat sa tlett (3) ijiem qabel il-laqgħa.
7. Il-kworum tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Tmexxija huwa ta' nofs il-membri eletti fil-kumitat (skont l-eqreb numru sħiħ li jkun imiss) u b'minimu ta' tliet (3) membri, li wieħed minnhom irid ikun il-President jew is-Segretarju. Jekk ma jkunx hemm kworum sa nofs siegħa mill-ħin avżat biex tibda l-laqgħa, il-laqgħa ma ssirx u l-aġenda tiġi aġġornata għal data oħra.
8. Il-Kumitat jista' jistieden għal-laqgħat, esperti, konsulenti jew persuni oħra fuq materja speċifika li tkun se tiġi diskussa waqt dik il-laqgħa. Dawn il-mistednin ikollhom il-funzjoni li jagħmlu osservazzjonijiet u jagħtu opinjonijiet, però ma jkollhomx id-dritt tal-vot.
9. Kull deċiżjoni dwar l-għaqda għandha tittieħed mill-Kumitat b'maġġoranza sempliċi tal-membri preżenti għal-laqgħa. Kull membru jista' jitlob vot sigriet. F'każ ta' parità ta' voti, għandha ssir votazzjoni mill-ġdid. F'każ li jerġa' jkun hemm parità ta' voti, il-President jew inkella s-Segretarju, fl-assenza tal-President, jista' jittrasferixxi l-vot għal-laqgħa li jkun imiss jew inkella jiddeċiedi li l-vot jittieħed mit-tliet uffiċjali tal-Kumitat *(KAP5. Art1.1)*.
10. F'każijiet fejn waqt il-laqgħa tal-Kumitat ikun qed jiġi diskuss xi suġġett fejn xi membru tal-istess Kumitat għandu, jew potenzjalment jista' jkollu, konflitt ta' interess, dan għandu jinforma mill-ewwel lill-President li dan, min-naħa tiegħu għandu jara jekk il-membru kkonċernat għandux jibqa' preżenti fil-laqgħa, minkejja li xorta waħda ma jkollux dritt jivvota fuq dak is-suġġett. Membru tal-Kumitat jista' jsejjaħ għal vot sigriet jekk iħoss li membru tal-Kumitat għandu konflitt ta' interess fuq suġġett li se jkun diskuss.

11. Kull membru mill-Kumitat jista' jirreżenja mill-Kumitat wara li jkun informa b'dan bil-miktub lis-Segretarju u din it-talba tinqara waqt il-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat. Jekk is-Segretarju jixtieq jirreżenja jrid jinforma b'dan bil-miktub lill-President. F'każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali l-kumitat jista' ma jilqax din ir-riżenja.

12. Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija li ma jkunux jistgħu jattendu għal-laqgħa tal-Kumitat għandhom jitolbu lis-Segretarju li jkunu skużati mil-laqgħa sa sagħtejn qabel il-bidu tagħha.

13. Kull membru tal-Kumitat li jonqos li jattendi għal aktar minn tliet (3) laqgħat konsekuttivi mingħajr ma jkun skużat mis-Segretarju qabel l-istess laqgħat, għandu jiġi mitlub jispjega l-assenza tiegħu. Jekk ma jagħtix spjegazzjoni sodisfaċenti għall-Kumitat jista' jitlef postu fuq il-Kumitat tat-Tmexxija u l-Kumitat tat-Tmexxija jagħżel jekk dan il-membru jiġix sostitwit permezz ta' LĠS (KAP6, Art2) jew le.

14. Il-Kumitat ta' Tmexxija, jew membri individwali tal-Kumitat, jistgħu jiġu mitluba jirriżenjaw mill-kariga tagħhom waqt laqgħa ġenerali, wara li jittieħed vot ta' sfiduċja. Dan il-vot irid jiġi mitlub u ssekondat mill-membri votanti tal-għaqda u jgħaddi bl-appoġġ ta' żewġ terzi tal-votanti preżenti. Fil-każ ta' LĠS, il-vot ta' sfiduċja għandu jiġi mitlub u mniżżel fl-aġenda tal-laqgħa.

## 2. L-UFFIĊJALI TAL-KUMITAT

1. Il-***President*** tal-Għaqda huwa responsabbli:
   a) għat-tmexxija tal-Għaqda;
   b) li jara li qegħdin jiġu milħuqa l-għanijiet tal-għaqda;
   c) li b'kollaborazzjoni mas-Segretarju jippjana l-aġenda tal-laqgħat tal-Kumitat kif ukoll tal-LĠA u tal-LĠS;
   d) li flimkien mas-Segretarju jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat;
   e) li jassigura li l-istatut qiegħed jiġi mħares mill-membri tal-Għaqda; u
   f) li bħala wieħed mill-uffiċjali tal-Għaqda ikollu r-rappreżentanza u responsabiltà legali u ġuridika, kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-Għaqda.

2. Is-***Segretarju*** tal-Għaqda huwa responsabbli:
   a) li jmexxi u jidderieġi l-laqgħat tal-Kumitat;
   b) li jippreżenta r-rapport ta' ħidma tal-Għaqda fil-LĠA;
   c) li jiġbor, iżomm u jiffirma l-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat kif ukoll tal-LĠA u tal-LĠS;
   d) li jżomm il-korrispondenza u d-dokumenti kollha tal-Għaqda; u
   e) li bħala wieħed mill-uffiċjali tal-Għaqda ikollu r-rappreżentanza u responsabiltà legali u ġuridika, kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-Għaqda.

3. It-***Teżorier*** tal-Għaqda huwa responsabbli:
   a) li jżomm u jaġġorna l-kotba finanzjarji tal-Għaqda;
   b) li jżomm u jaġġorna r-reġistru ta' sħubija tal-membri tal-Għaqda;

c) li jiġbor il-ħlas ta’ sħubija tal-membri tal-Għaqda u jirrapporta dwar dan lis-Segretarju;
d) li jippreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Għaqda lill-Kumitat meta jkun mitlub li jagħmel dan;
e) li jżomm ammont ta’ flus f’petty cash skont kif deċiż mill-Kumitat sabiex ikunu jistgħu jsiru ħlasijiet ta’ kontijiet żgħar;
f) li għandu l-awtorità li jiġbed il-flus u jkun wieħed mill-firmatorji taċ-ċekkijiet;
g) li jipprepara u jippreżenta r-rapport finanzjarju għall-approvazzjoni tal-LĠA;
h) li jgħin lill-awdituri fil-verifika tal-kotba finanzjarji tal-Għaqda;
i) li jinforma u jaġġorna lill-Kumitat dwar donazzjonijiet mgħoddija lill-Għaqda; u
j) li jawtorizza persuni biex jgħinu fi ġbir ta’ fondi f’isem l-Għaqda bl-approvazzjoni unanima tal-Kumitat. Kull ġbir ta’ fondi għandhom jiġu depożitati għand it-Teżorier tal-Għaqda eżatt wara kull attività ta’ ġbir ta’ fondi.
k) li bħala wieħed mill-uffiċjali tal-Għaqda ikollu r-rappreżentanza u responsabiltà legali u ġuridika, kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-Għaqda.

## 3. IS-SOTTOKUMITATI TAL-GĦAQDA

1. Il-Kumitat jista’ jwaqqaf sottokumitati kif jidhirlu meħtieġ, minn żmien għal żmien, sabiex l-Għaqda tilħaq aħjar il-viżjoni tagħha. Iċ-chairperson ta’ kull sottokumitat għandu jinħatar mill-Kumitat, u jkun jista’ jirrakkomanda lill-President membri oħra biex ikunu parti mill-istess sottokumitat.

2. Il-funzjonijiet, termini ta’ referenza, setgħat, terminu ta’ żmien u kompożizzjoni ta’ kull sottokumitat jiġu approvati mill-Kumitat.

3. Mal-ħatra ta’ kumitat tat-tmexxija ġdid, kull sottokumitat għandu jiġi ikkonfermat mil-istess Kumitat tat-Tmexxija sabiex ikompli l-ħidma tiegħu.

4. Kull sottokumitat irid jaħtar segretarju li jżomm il-minuti ta’ kull laqgħa li ssir u meta dawn il-minuti jiġu approvati wara kull laqgħa għandha tintbagħat kopja tagħhom lis-Segretarju tal-Għaqda bħala rakkomandazzjoni lill-Kumitat.

5. Ebda sottokumitat mingħajr l-approvazzjoni tal-Kumitat m’għandu dritt:
   a) Jorbot lill-Għaqda;
   b) Jaġixxi f’isem l-Għaqda
   c) Jagħmel spejjeż f’isem l-Għaqda
   d) Jiġbor fondi f’isem l-Għaqda u
   e) u Jitkellem f’isem l-Għaqda.

6. Il-Kumitat jista’ jaħtar b’għan speċifiku u għal żmien definit bħala membri fis-sottokumitati persuni li mhumiex membri tal-Għaqda.

7. Kull membru tal-Kumitat għandu dritt jattendi laqgħat tas-sottokumitati.

## 4. IL-FINANZI

1. Kull dħul finanzjarju mill-Għaqda għandu jintuża biex isostni l-viżjoni tal-Għaqda hekk kif spjegati f'Artiklu 7 u b'ebda mod m'għandhom jintużaw għal gwadann personali ta' xi membru tal-Għaqda.
2. Kull flus miġbura mill-Għaqda, għajr l-ammont stabbilit mill-Kumitat biex jinżamm bħala petty cash, iridu jiġu depożitati f'kont jew kontijiet bankarju/i f'isem l-Għaqda, f'wieħed jew aktar mill-banek hekk kif jiġi deċiż mill-Kumitat.
3. Il-Kumitat jista' jawtorizza l-użu ta' mezzi ta' ħlas u tranżazzjonijiet elettroniċi, sakemm l-ammont ta' flus iddepożitati f'dawn l-mezzi ma jeċċedix l-ammont u ż-żmien stabbilit mill-Kumitat.
4. Kull ċekk jew struzzjonijiet bankarji dwar ġbid ta' flus iridu jkunu ffirmati mit-Teżorier flimkien ma' firmatorju ieħor skont kif deċiż fil-Kumitat.
5. It-Teżorier tal-Għaqda jrid iżomm b'mod aġġornat il-kontijiet u l-kotba finanzjarji tal-Għaqda. Is-sena finanzjarja tal-Għaqda tibda fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena.
6. Kull spiża li taqbeż il-50€ trid tiġi approvata mill-Kumitat tat-Tmexxija.

# *IS-6 KAPITLU*: IL-LAQGĦAT ĠENERALI

## 1. IL-LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI

1. Il-LĠA hija l-ogħla awtorità tal-Għaqda u hija magħmula minn kull membru msieħeb fl-Għaqda. Il-LĠA għandha tinżamm fl-ewwel tliet xhur ta' kull sena.
2. Is-Segretarju tal-Għaqda jrid javża bil-miktub lil kull membru li jkun aġġornat fil-ħlas ta' sħubija tal-Għaqda bid-data u l-aġenda tal-LĠA mill-anqas ġimagħtejn qabel id-data tal-laqgħa. Is-Segretarju fil-LĠA jrid jippreżenta rapport ta' ħidma li saret mill-Għaqda matul is-sena li tkun għaddiet.
3. Kull deċiżjoni fil-LĠA tittieħed b'vot li jista' jkun sigriet jekk dan jintalab minn xi membru tal-Għaqda. L-elezzjoni tal-membri tal-Kumitat issir b'vot sigriet.
4. Kull deċiżjoni meħuda fil-LĠA torbot lill-Kumitat u l-LĠA għandha s-setgħa treġġa' lura kull deċiżjoni meħuda mill-Kumitat jew xi sottokumitat tal-Għaqda.
5. It-Teżorier għandu jagħmel rapport finanzjarju tal-Għaqda għas-sena amministrattiva tal-Għaqda, u jippreżenta l-istess rapport fil-LĠA. F'każ li jkun hemm il-ħtieġa li jinħatar

awditur, waqt il-LĠA, l-awditur għandu jippreżenta r-rapport tiegħu bil-kummenti li jidhirlu xierqa dwar il-qagħda finanzjarja tal-Għaqda.

6. Il-kworum tal-LĠA għandu jkun nofs in-numru ta' membri mħallsa tal-Għaqda li jkollhom dritt għall-vot. Jekk sa nofs siegħa wara l-ħin avżat biex tibda l-laqgħa ma jintlaħaqx kworum, il-LĠA ssir xorta waħda bil-votanti preżenti u kull deċiżjoni li tittieħed b'maġġoranza tal-votanti preżenti tkun valida.

7. F'dawk il-LĠA li fihom tkun ser issir l-elezzjoni għall-Kumitat, il-Kumitat uxxenti għandu jaħtar Kummissjoni Elettorali magħmula minn membru/i li mhux ser ikunu qed jikkontestaw l-ebda kariga, sabiex jieħdu ħsieb il-votazzjoni u joħorġu r-riżultat tal-istess votazzjoni għall-membri kollha tal-Kumitat Il-Kumitat uxxenti jiġi xolt wara l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali waqt il-LĠA li tkun ser taħtar kumitat ġdid.

8. Il-Laqgħat Ġenerali jridu jitmexxew minn sedja, proposta u approvata fil-bidu tal-laqgħa.

## 2. IL-LAQGĦA ĠENERALI STRAORDINARJA

1. Il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja (LĠS) tista' ssir:

   a) bi qbil unanimu mill-Kumitat jew;
   b) permezz ta' petizzjoni ffirmata minn mhux anqas minn għaxra (10%) fil-mija tal-membri votanti jew;
   c) jekk mitlub fl-istatut;

   Is-Segretarju jrid isejjaħ LĠS fi żmien xahar minn meta jirċievi din it-talba jew minn meta mitlub jagħmel dan mill-Kumitat jew mill-istatut sakemm mhux bi ksur ta' KAP6, Art2.3. Bl-eċċezzjoni ta' 1.1 u 1.5, l-ewwel Artiklu 'Laqgħa Ġenerali Annwali' japplika wkoll għal-LĠS (KAP6, Art1).

2. Jekk jinqalgħu sitwazzjonijiet li ma jkunx hemm provediment għalihom f'dan l-istatut, allura għandha tittieħed deċiżjoni mill-Kumitat u immedjatament wara għandha tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja, skont kif provdut fit-tieni Artiklu (KAP6) ta' dan l-istatut, sabiex id-deċiżjoni tal-Kumitat tiġi approvata u jsiru l-emendi li jirriżultaw neċessarji fl-istatut.

3. Meta tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja, din tissejjaħ tal-anqas tliet (3) xhur mill-aħħar LĠS jew tliet (3) xhur 'il bogħod mil-LĠA li tkun saret jew li tkun se tissejjaħ.

# *IS-7 KAPITLU:* REGOLI OĦRA

## 1. PROTEZZJONI TA' DATA

L-Għaqda għandha tkun konformi mal-liġi għall-protezzjoni tad-data hekk kif murija fuq is-sit elettroniku *idpc.org.mt*

## 2. PUBBLIKAZZJONI TA' REGOLI U LINJI GWIDA

Minn barra dawk ir-regoli definiti f'dan l-istatut, il-kumitat jista' joħroġ linji gwida jew regoli oħra għall-membri tal-Għaqda, li jidħlu fis-seħħ wara li jiġu ippublikati bħala dokument fuq mezzi tal-Għaqda jew mibgħuta lill-membri kollha. Kumitat ġdid għandu japprova u jippublika mill-ġdid dawn id-dokumenti, jew jibda ir-reviżjoni tagħhom fl-ewwel laqgħa tiegħu.

## 3. RIĊERKA U STUDJU

1. Kull tip ta' riċerka li tintuża mill-Għaqda f'pubblikazzjonijiet u attivitajiet oħra għandha tibqa' tar-riċerkatur sakemm dan minn jeddu ma joffrix id-drittijiet tar-riċerka tiegħu lill- Għaqda.
2. Kull xorta ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu ma' riċerka u studju għal pubblikazzjonijiet u attivitajiet tal-Għaqda għandhom jiġu koperti mir-riċerkatur. Ir-riċerkatur jista' però jitlob lill-Kumitat biex l-Għaqda tkopri parti mill-ispejjeż jew l-ispejjeż kollha ta' riċerka u studju. Jekk il-Kumitat japprova dawn l-ispejjeż, għandu jsir ftehim bil-miktub u ffirmat, bejn ir-riċerkatur u l-Għaqda, rigward id-drittijiet tar-riċerka u l-ispejjeż li ser jiġu koperti.

## 4. XOLJIMENT TAL-GĦAQDA

1. Ix-xoljiment tal-Għaqda jista' jkun deċiż biss f'LĠS, imsejħa apposta għal dan il-għan qbil ta' 75% tal-kumitat preżenti. Għax-xoljiment tal-Għaqda jeħtieġ minn tal-inqas żewġ terzi tal-voti tal-membri votanti preżenti f'l-LĠS.
2. F'każ ta' xoljiment, il-LĠS għandha taħtar likwidatur li għandu jkun awditur jew avukat (li jista' ma jkunx membru tal-Għaqda) sabiex jieħu ħsieb il-likwidazzjoni tal-Għaqda.
3. F'kas ta' xoljiment u wara li jkunu tħallsu id-djun li jista' jkun hemm, il-finanzi u kwalunkwe beni oħra tal-Għaqda għandhom jingħataw b'donazzjoni lil entità jew għaqda volontarja hekk kif deċiża mill-LĠS sabiex jintużaw fuq restawr ta' bini jew xogħlijiet tal-arti fir-raħal.
4. F'dan il-każ, il-kumitat għandu wkoll jinforma lill-Kummissarju tal-Għaqdiet Volontarji dwar ix-xoljiment tal-Għaqda.

## 5. EMENDI TAL-ISTATUT

1. Il-provedimenti ta' dan l-istatut jorbtu lill-membri u lit-tmexxija tal-Għaqda u jistgħu jinbidlu biss b'vot ta' żewġ terzi tal-membri preżenti waqt il-LĠA, li jkollhom dritt jivvotaw.

2. Kull talba għal emendi fl-istatut irid ikollha proponent u sekondant u għandha tintbagħat lis-Segretarju sa ġimagħtejn qabel il-LĠA.

3. Is-Segretarju jrid jibgħat kopja tal-emendi proposti għall-istatut lill-membri tal-Għaqda mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem qabel tiltaqa' l-LĠA.

## *L-AĦĦAR EMENDI APPROVATI*

KAP1, Art2: żdiedet "Is-sena amministrattiva tal-Għaqda SKALI Gudja hija dik kalendarja, bejn Jannar u Diċembru.".

KAP1, Art3: inbidel it-titlu għal "L-Indirizz Uffiċjali tal-Għaqda". Flok jgħid "...l-indirizz postali tal-KMSV" inbidel għal "l-Għaqda għandha tkun irreġistrata fuq l-indirizz tal-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju:". Flok jgħid "jew indirizz determinat mill-kumitat" inbidel għal "Jista' jiġi determinat indirizz postali alternattiv għal dak tar-reġistrazzjoni mill-Kumitat".

KAP1, Art4: żdied in-numru tal-VO "In-numru ta' reġistrazzjoni tal-Għaqda SKALI Gudja huwa VO/2123". Żdiedu min huma l-uffiċjali "is-Segretarju u t-Teżorier" flok "u l-uffiċjali".

KAP1, Art5: mexa il-logo fuq quddiem ħabba disinn tad-dokument. Inbidel "dan muri hawn taħt" għal "dak muri fuq il-qoxra ta' dan id-dokument".

KAP1, Art6: żdiedet "L-istatut u dokumenti oħra uffiċjali jibqgħu dawk miktuba bil-Malti.".

KAP2, Art1: żdiedet id-definizzjoni ta' membru f'punt ġdid, "Membru jew membri jirreferu għal dawk l-individwi msieħba mal-Għaqda f'waħda mill-iskemi ta' sħubija, hekk kif determinat mill-Kumitat tat-Tmexxija, bl-ogħla waħda tkun dik ta' membru sħiħ. Membri Affiljati tirreferi għal dawk l-individwi li jgawdu minn xi benefiċċji ta' sħubija iżda m'għandhomx vot fit-tmexxija tal-Għaqda, filwaqt li Membri Votanti tirreferi għal dawk li għandhom vot".

KAP4, Art1(1): telqet id-dritt tal-vot (duplikata) "Kull membru li jkun ilu membru tal-Għaqda għal minn tal-anqas sitt (6) xhur u jkollu l-ħlas tas-sħubija aġġornata, għandu dritt għall-vot fil-LĠA u fil-LĠS (KAP6)."  u  jingħaqdu l-ewwel żewġ punti, 1(1) u 1(2).

KAP4, Art1(2): flok "Fil-jum li tissieħeb tħallas l-ammont ta' flus bħala miżata ta' sħubija" ġiet "Is-sħubija tkun valida minn meta tiġi aċċettata t-talba". Telaq il-punt "Kull applikazzjoni ta' sħubija tidħol fl-effett biss wara li jsir il-ħlas tal-miżata ta' sħubija għal sena prorata (KAP4, Art2). Imbagħad, it-tiġdid tas-sħubija jsir kull sena waqt il-LĠA."

KAP4, Art1(3): żdiedt "Għandu ukoll dritt jippublika skemi differenti ta' sħubija." wara it-(3) punt. Ingħaqad il-punt ta' wara u telqet "u jekk tkun ħallset regolarment il-miżata annwali".

KAP4, Art1(4): żdiedet "Membri tal-Għaqda, ħlief għal dawk affiljati, li jkollhom is-sħubija aġġornata, għandhom dritt għall-vot fil-LĠA u f'LĠS (KAP6) wara li jkunu ilhom msieħba għal sitt (6) xhur." fil-bidu tal-artiklu. "Kull membru" ġiet "Membri sħaħ" u żdiedet l-eċċezzjoni "Dan b'eċċezzjoni għal kunsilliera f'Kunsilli Lokali, membri f'xi kumitati jew bordijiet ta' partit politiku jew ta' għaqda mużikali u membri li huma politikament jew viżibbilment attivi f'attivitajiet politiċi."

KAP4, Art2: żdiedet bħala punt (2) "Il-miżata għandha tinħadem prorata għal dawk l-applikazzjonijiet li l-Kumitat tat-Tmexxija jirċievi matul is-sena, mill-ġurnata tas-sħubija sa tmiem dik is-sena. Din tiġġedded fil-LĠA li jkun imiss u tkun valida għas-sena amministrattiva li fiha titħallas."

KAP5, Art1(3): "is-sekondat minn membri tal-Għaqda" ġiet iċċarata għal "membri tal-Għaqda li jkollhom dritt għall-vot". Ukoll, "Biex wieħed ikun" ġiet "Biex membru sħiħ".

KAP5, Art1(4): tneħħiet "Il-membri tal-" mill-bidu tal-artiklu, biex flok ġiet "Il-Kumitat tat-Tmexxija".

KAP5, Art1(14): żdiedet "votanti" wara il-kelma "membri".

KAP5, Art2(1), (2) u (3): l-aħħar punt tal-uffiċjali kollha ġiet "li bħala wieħed mill-uffiċjali tal-Għaqda jkollu r-rappreżentanza u responsabbiltà legali u ġuridika, kemm tal-Kumitat kif ukoll tal-Għaqda."

KAP5 Art3(1): żdiedet "u jkun jista' jirrakkomanda lill-President membri oħra biex ikunu parti mill-istess sottokumitat"

KAP5, Art3(5): żdiedet "u Jitkellem f'isem l-Għaqda"

KAP5, Art4(6): daħlet "Kumitat tat-Tmexxija" flok "l-Uffiċjali tal-Kumitat"

KAP6, Art1(7): inbidlet "il-Kumitat uxxenti jiġi xolt fil-bidu tal-LĠA" għal "il-Kumitat uxxenti jiġi xolt wara l-preżentazzjoni tar-rapporti annwali".

KAP6, Art2(1): żdiedet "votanti" wara membri f'punt b) u żdiedet ukoll "sakemm mhux bi ksur ta' KAP6, Art2.3" wara "jew mill-istatut".

KAP7, Art2: punt ġdid "PUBBLIKAZZJONI TA' REGOLI U LINJI GWIDA" li jgħid hekk: Minbarra dawk ir-regoli definiti f'dan l-istatut, il-kumitat jista' joħroġ linji gwida jew regoli oħra għall-membri tal-Għaqda, li jidħlu fis-seħħ wara li jiġu ppubblikati bħala dokument fuq mezzi tal-Għaqda jew mibgħuta lill-membri kollha. Kumitat ġdid għandu

japprova u jippubblika mill-ġdid dawn id-dokumenti jew jibda ir-reviżjoni tagħhom fl-ewwel laqgħa tiegħu.